

# Aħbar Tajba

Is 40, 1-5.9-11
S 84 (85), 8-9ab.10-14
2 Piet 3, 8-14
Mk 1, 1-8

**"Ħejju t-triq tal-Mulej,**
iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu."

Ftit jiem oħra jibdew il-wisq mistennija vaganzi tal-Milied, u magħhom jiġu wkoll festini, attivitajiet ta' divertiment, rigali u ħafna ħin liberu. Ħafna drabi, dan iż-żmien iġib miegħu wkoll ħafna u ħafna nies, fosthom nanniet u zijiet u min jaf kemm kuġini! Kollha kemm huma f'xi ħin jew ieħor se jiġu sad-dar biex jawguraw il-Milied it-tajjeb.

Dawn jagħmlu mill-Milied waħda mill-isbaħ festi fil-kalendarju tagħna. Iżda dan ifisser ukoll li rridu nippreparaw id-dar għall-mistednin! Żgur li ħadd ma jieħu gost jilqa' n-nies f'dar maħmuġa. Għalhekk jeħtieġ li nxammru l-kmiem u nagħtu daqqa t'id fit-tindif tad-dar. Irridu nfarfru l-għamara, inperrċu t-tapiti, naħslu l-art u naraw li s-sodda tagħna magħmula sew u m'hemmx ħwejjeġ jiġru 'l hawn u 'l hemm.

Fil-Vanġelu tal-lum niltaqgħu ma' Ġwanni l-Battista, li kien iqatta' l-jiem tiegħu jgħallem u jgħid lin-nies biex iħejju ruħhom sew għall-miġja tal-Mulej. B'hekk ma kienx qed jgħidilhom biex imorru jikinsu jew jerfgħu l-affarijiet f'posthom. Ġwanni kien qed jitkellem fuq il-bżonn li nagħmlu ftit ordni fina nfusna. Imma kif nistgħu nagħmlu dan?

Fis-silta naraw lil Ġwanni jsejjaħ lin-nies biex jindmu mid-dnubiet tagħhom u jersqu lejn Alla. Għalkemm għadda tant żmien, kliem Ġwanni għadu jgħodd għalina wkoll. Kollha kemm aħna għandna nuqqasijiet, u jekk ma noqogħdux attenti għalihom iwassluna biex naqbdu triq ħażina f'ħajjitna. Biex ma jiġrix dan, hemm diversi affarijiet li nistgħu nagħmlu. L-ewwel waħda hi li kif nindunaw li żbaljajna naraw kif nistgħu nsibu t-triq it-tajba. Ġwanni kien jgħammed lin-nies bħala sinjal li jixtiequ jinbidlu. Aħna għandna sinjal aktar b'saħħtu – is-sagrament tal-qrar. Fih mhux biss nuru l-indiema tagħna imma saħansitra nirċievu l-maħfra ta' Alla. Għax Alla tagħna mhux xi ħadd li joqgħod attent għal kull żball li nagħmlu biex jitħallas minna. Anzi, Alla tagħna ma jitlef l-ebda okkażjoni li jħassar l-iżbalji tagħna għax irid li nkomplu nikbru u nsiru l-aħjar li nistgħu nkunu. Xi mħabba din!

Issa aħna rridu nifhmu ħaġa waħda. Meta niġu biex innaddfu d-dar, ma nistgħux innaddfuha darba u mbagħad nieqfu hemm. Irridu nkomplu nieħdu ħsiebha. L-istess irridu nagħmlu b'qalbna. Irridu nibqgħu nieħdu ħsiebha biex dejjem nibqgħu mexjin fit-triq li twassal għand Alla li tant iħobbna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** ISAIJA, PROFETA, NIBGĦAT, ĦABBAR, IĦEJJI, TRIQTEK, LEĦEN, JGĦAJJAT, DEŻERT, MULEJ, IDDRITTAW, MOGĦDIJIET.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | A | Z | A | R | E | T | Ħ | O | B |
| I | D | D | R | I | T | T | A | W | Ż |
| GĦ | M | O | GĦ | D | I | J | IE | T | B |
| A | Ġ | A | K | B | U | L | S | A | A |
| M | U | A | Ġ | W | A | N | N | I | T |
| L | M | U | L | E | J | T | S | I | T |
| E | I | T | N | E | J | D | J | A | Ħ |
| Ħ | S | S | A | J | J | E | GĦ | T | A |
| E | A | IE | D | D | A | Ż | A | R | B |
| N | I | B | GĦ | A | T | E | J | I | B |
| A | J | T | R | E | L | R | J | Q | A |
| T | A | Ġ | A | K | B | T | A | T | R |
| P | R | O | F | E | T | A | T | E | W |
| I | Ħ | E | J | J | I | U | Ġ | K | Ħ |



**"Ħejju t-triq tal-Mulej,**
iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu."

## L-Ewwel Presepju

Mill-ħarġa tal-ġimgħa l-oħra bdejna ngħaqqdu presepju żgħir tal-karti. Il-presepju hu tradizzjoni antika ħafna. Jingħad li San Franġisk ta' Assisi kien li għamel l-ewwel presepju. Iżda l-presepju tiegħu ma kienx fih pasturi, siġar żgħar u lanqas seta joqgħod fuq mejda. Le, il-presepju tiegħu kien lifesize! Sab stalla żgħira u bl-għajnuna tan-nies ta' Greccio li libsu ta' ragħajja u li ġabu magħhom diversi annimali, il-qaddis ta' Assisi għamel l-ewwel presepju ħaj. Ix-xewqa tiegħu kienet li jfakkar lin-nies li l-Milied ma kienx biss żmien ta' festi u ikel bnin imma fuq kollox kien il-festa tat-twelid ta' Ġesù. U rridu ngħidu li rnexxielu! Sal-lum, din ix-xena żgħira għadha tintrama f'ħafna mid-djar tagħna u kull darba għajnejna jaqgħu fuq iċ-ċkejkna tarbija fil-maxtura li dejjem tidher titbissem.



### Din il-Ġimgħa...

**Fiex wasalna fl-armar? Is-siġra qiegħda f'postha? Armajthom il-hollies, il-ponsjetta u l-ġulbiena? Imma fuq kollox tinsiex tarma l-aktar xbieha importanti ta' din il-festa – ix-xbieha tal-bambin. Xi whud għandhom bambin mdaqqas li jarmawh f'maxtura filwaqt li oħrajn jarmaw il-presepju b'ħafna pasturi u djar żgħar li kollha donnhom qed iħarsu lejn it-tarbija fil-maxtura. Ara li ssib ħin biex flimkien mal-familja tarmaw din ix-xbieha li tfakkarna x'qed niċċelebraw, il-festa tal-miġja ta' Ġesù. U biex tassew niċċelebraw din il-festa bl-aqwa mod, sib ħin komdu biex tieħu sehem fil-qrar. Ara li jkollok ħin biżżejjed biex titkellem ftit mal-konfessur li jista' jgħinek tkompli tikber fil-ħajja Nisranija tiegħek. Hekk, dan il-Milied tkun tista' tassew tesperjenza l-qawwa kbira li ġġib il-miġja ta' Ġesù fil-ħajja tagħna.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.



mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION